MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Reġjonali tan-Nofsinhar

**Laqgħa Numru 49 – 4 Leġislatura**

**L-Erbgħa 17 ta'Diċembru 2025**

Il-Kunsill Reġjonali fil-5.30 pm.

PREŻENTI FL-UFFIĊĊJU:

| | |
|---|---|
| President | Is-Sur Jesmond Aquilina |
| Viċi President/ Sindku | Chev Mario Calleja |
| Sindku B'Buġia | Is-Sur Scott Camilleri |
| Sindku Santa Luċija | Kapt. Charmaine St John |
| Sindku Gudja | Is-Sur Romeo Baldacchino |
| Sindku Għaxaq | Is-Sur Karl Boxall |
| Sindku Marsa | Is-Sur Luke Farrugia |
| Kunsillier Ħal-Luqa | Is-Sur Frederick Aquilina |
| Kunsillier Ħal Qormi | Is-Sinjura Elke Sghendo |

PREŻENTI B'MOD VIRTWALI:

Ħadt

ASSENTI B'APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Sindku Gianluca Falzon, Sindku Steven Grech, Sindku Christian Sammut u Sindku Joan Agius

ASSENTI

Ħadt

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Mariella Strout — Segretarju Eżekuttiv

Minuti

Il-president is-Sur Jesmond Aquilina jippresjedi din il-laqgħa.

**49.1 Qari tal-ittri ta' Apoloġija;**

49.1.1 Il-President informa li Sindku Joan Agius, Sindku Christian Sammut, Sindku Gianluca Falzon u Sindku Steven Grech kien jinstabu indisposti.

**49.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-minuti;**

49.2.1 Il-President ressaq il-Minuti ta' tmienja u erbgħin (48) laqgħa tal-Kunsill Reġjonali għal din il-leġislatura, li ġew iċ-ċirkolati minn qabel tal-laqgħa. Huwa qara il-minuti minħabba li kien intbagħtu tard.

49.2.2 Wara mozzjoni mressqa mil-President Jesmond Aquilina u s-sekondat Sindku Romeo Baldacchino, il-membri tal-Kunsill Reġjonali approvaw b'mod unanimu il-minuti msemmija.

**49.2.3 Kunsiderazzjoni mill- Minuti**

49.2.3.1 Il-President qal li l-programm ta' *Malta International Christmas Choir* kien suċċess , b'attendenza numeruża f'kull parroċċa. Huwa tenna li pubbliku ta' Reġjun apprezza dawn attivitajiet u tkellem ma l-organizzaturi sabiex f' Diċembru 2026 Reġjun jerġa jospita din l-attività. Il-Kunsill qabel ma din il-proposta.

49.2.3.2 Il-President informa li Applikant li kellu jattendi għal intervista sabiex jimtela rwol ta' -Uffiċjali Maniġerjali għal fondi Ewropej avża li ma kienx ser jattendi għaliex kien ser jibda jaħdem ma entita oħra. Rigward l-applikazzjonijiet għal Uffiċjal Amministrattiv dawn għad irridu jiġu ċċekkjati sabiex naraw jekk humiex eliġibbli

49.2.3.3 Il-President fakkar li staff ta' Reġjun kienu qasmu kopji tal- kalendarju lil Kunsill sabiex jitqassmu lil residenti. Il-membri presenti irringrazzjaw li Reġjun ta' din l-inizjattiva.

**49.3 Komunikazzjoni mill-president**

**49.3.1 Il-ġbir ta' l-iskart riċklabbli (grey/green bag) waqt żmien tal-festi**

Il-President informa li fil-ġimgħa tal-Milied l-iskart riċklabbli kien ser jinġabar f'26 ta' Diċembru u fil-ġimgħa ta' l-ewwel ta' sena kien ser jinġabar f' 31ta ' Diċembru. L-ispiża relatata mal-bdil tal-ġurnata kien ser tkun koperta mid-dipartiment tal-Gvern Lokali wara approvazzjoni mid-Dipartiment tal-Kuntratti. L-ispiża għal dawn il-jumejn hija 33,780 excl Vat. DLG għamel rimbors ta' 29,340.40. Il-President fakkar li Sindki u Kunsilli jinfurmaw lil residenti b'dan it-tibdil.

**49.3.2 Proposta ta' allowance għas-Sindki jew Kunsilliera li jattendu laqgħa ta' Regjun**

Il-President qal li kellu laqgħa ma Direttur Ġenerali ta' Gvern Lokali, fejn fost affarijiet oħra huwa resaq proposta sabiex jibda jingħata allowance li Sindki jew Kunsilliera li jattendu għal laqgħa ta' Reġjuni. Huwa tenna li DG qalu li din it-talba ser tiġi kunsidrata. Il-membri presenti nirringrazzjawħ ta' dan il-ħsieb.

**49.4 Skeda ta' Pagamenti;**

49.4.1 Il-President ippreżenta l-iskeda ta' pagamenti bin-numru ta' referenza 11/25A-1 li ġew iċ-ċirkolati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa. Il-President ġibet l-attenzjoni li kien hemm numru ta' pagamenti li jirriflettu setoffs dovuti lil Wasteserv. Fakkar li il-kwistjoni ta' kont ta' skips (200,000) għada pendenti għaliex dawn ma humiex ta' Regjun.

49.4.2 Wara mozzjoni mressqa min proponent Sindku Mario Calleja u sekondat Kunsillier Elke Sghendo il-Kunsill Reġjonali approva unanimament il-ħlasijiet indikati fl-iskeda tal-pagamenti msemmija.

**49.5 Rapporti**

Ma kienx hemm rapporti.

**49.6 Item: Inizjattiva tat-tabelli informattivi u l-promozzjoni tal-mixi fir-Reġjun.**

Il-President informa li dan suġġett ġie mitlub mis-Sindku Gianluca Falzon, iżda peress li huwa indispost ser jiġi diskuss waqt laqgħa oħra.

**49.7 Affarijiet Oħra**

Il- President qal li skont rapporti li bagħtet il-Wastserv jidher li l-iskart l-inġabar f'Ottubru kellu andament pożittiv għaliex żdied l-iskart riċiklat u naqqset il-borża sewda. Huwa fakkar jekk dan l-affarijiet jibqaw sejrin hekk ir-Reġjun jiffranka flus mit-tipping fees u dan jingħataw għal proġetti fil-lokalitajiet.

Il-laqgħa marret għal diskussjoni dwar problemi li qed jiffaċċjaw xi lokalitajiet waqt servizz tal-ġbir ta' l-iskart. Ġew suġġerti diversi alternattivi fejn jista' jitjieb is-servizz.

**49.8 Tmiem tal-Laqgħa u Data tas-Seduta li Jmiss;**

49.8.1 Il-laqgħa ntemmet fis-7.00 pm u ġiet aġġornata għal nhar il-Tnejn 12 ta' ~~Diċembru~~ Jannar 2026

Konfermati llum 12 ta' Jannar 2026____________________

Jesmond Aquilina

President

Mariella Strout

Segretarju Eżekuttiv